Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 186/2016

**Go plc**

**Vs**

**Ian Zammit**

16 ta' Gunju, 2017.

1. L-attrici talbet il-hlas ta' hames mija seba' u sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€567.58) minghand il-konvenut fir-rigward ta' servizzi li nghata, account numbers: 40179910 u 40193189.

2. Il-konvenut wiegeb li m'huwiex debitur tal-attrici.

3. Fis-seduta tal-lum xehed il-konvenut.

4. Jirrizulta li:-

   i. Fit-12 ta' Lulju 2011 kien iffirmat *Television Service Agreement* ghal gewwa l-fond Bella Vista, Triq, il-Harrub, Madliena.

   ii. Fit-2 ta' Marzu, 2012 il-konvenut iffirma Internet Service Contract Agreement. Skont ma xehed f'dak iz-zmien kien qieghed joffri konsulenza lis-socjeta Proman Projects Management Limited.

5. Ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni tal-attrici fir-rigward tal-account 40179910, il-qorti m'ghandhiex dubju li kien il-konvenut li ffirma l-ftehim. Ghalkemm waqt it-trattazzjoni d-difensur tieghu qal li ma saritx prova ta' dan, il-konvenut qatt ma nnega li l-firma fuq il-kuntratt hi tieghu. Mistoqsi mill-qorti jekk il-firma hijiex tieghu, wiegeb li tixbah il-firma tieghu. Jirrizulta li l-kontijiet kienu qeghdin jinhargu u jintbaghtu Bella Vista, 2, Triq il-Harruba, Madliena. Dan hu l-istess bini fejn ighix il-konvenut, ghalkemm xehed li fin-numru 2 ighix missier il-mara tieghu. Fil-kontijiet is-servizz hu deskritt hekk: ***"TV – Bella Vista, 2, Triq il-Harrub, Madliena, NXR09"***. Hu veru li l-konvenut qal li missier il-mara kien jinqeda b'servizz minghand il-Melita plc, pero' jibqa' l-fatt li:

i. Ladarba gie ffirmat il-kuntratt u nhargu l-kontijiet, il-probabbilta hi li servizz kien qieghed jinghata.
ii. Fit-12 ta' Lulju, 2011 iffirma Television Service Agreement b'account number 40179910, li hu l-istess numru li ghalih jirreferu l-kontijiet.
iii. Il-konvenut ma ta l-ebda spjegazzjoni li jista' jikkonvinci lill-qorti li s-servizz li applika u ffirma ghalih fil-fatt ma nghatax.
iv. Kontijiet kienu qeghdin johorgu u minnhom jidher bic-car li servizz kien hemm. Jekk is-servizz kien fir-residenza tal-konvenut jew f'dik fejn ighix missier martu, hu rrilevanti. Dak li hu determinant hu li l-konvenut iffirma l-kuntratt f'ismu personali. Sahansitra fuq il-kontijiet hemm ukoll in-numru tal-card.

F'email datata 2 ta' Frar, 2016 li l-konvenut baghat lil Mary Grace Grech, kiteb:

*"40179910 This account was superseded by my current account 10128171 so I do not know where you are getting an outstanding balance of €497.17 from as my current balance shows €189 of which 100€ was settled two days ago"*.

M'hemm l-ebda prova li tista' twassal lill-qorti sabiex tikkonkludi li fuq bazi ta' probabbilta il-kont 40179910 gie rimpjazzat bil-kont l-iehor 10128171. Is-servizz li applika ghalih il-konvenut kien servizz gdid u ma jirrizultax li nghalaq u nfetah iehor gdid bil-kont numru 10128171. Il-konvenut stess xehed li kien ilu jinqeda b'servizz minghand l-attrici ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Dan ifisser li l-attur kellu kont sa minn qabel ma ffirma il-kuntratt tat-12 ta' Lulju, 2011.

6. Fil-fehma tal-qorti, ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni tal-attrici fir-rigward tal-account 40193189, il-hlas hu wkoll dovut lis-socjeta attrici. Irrispettivament ta' min kienet il-kumpannija, il-konvenut iffirma l-kuntratt f'ismu personali u mhux ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Proman Projects Management Limited. Ghaldaqstant, irid iwiegeb personalment ghal dak id-dejn.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' t-talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hames mija seba' u sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€567.58), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba. Spejjez kollha a karigu tal-konvenut.**

Anthony Ellul.